MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 527/2001

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO BARTOLO**

**KOTNRA**

**NAJAH BEN AHMED BOUZGUENDA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Najah Ben Ahmed Bouzguenda ta’ 40 sena, bin Ahmed u Aisha nee’ Forati, imwieled Sfax, Tunez, residenti fil-fond numru 43, Triq il-Pont, Mosta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 6800(A), u passaport bin-numru L798186;

1. Akkuzat talli matul il-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ Settembru 2001, u s-sitt xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti, maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq

ta’ oggetti u cioe’ ghodod, zebgha, mizien tal-hadid, u xi bicciet tal-hadid, liema serq li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem Dolphin Forge Industrial Services Limited, u persuni ohra, u huwa kkwalifikat bil-persuna;

2. U aktar talli nhar l-1 ta’ Settembru 2001, u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli nhar l-4 ta’ Settembru 2001, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, kiser kundizzjoni mifhuma ta’ kull permess moghti lil xi persuna skond il-paragrafu (b), jew estiz skond il-paragrafu (c) tas-sub artikolu (1) tal-Artikolu 6 tal-Att tal-Immigrazzjoni li dik il-persuna ma ghandhiex f’Malta tezercita xi professjoni jew xoghol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna ohra minghajr licenzja minghand il-Ministru responsabbli ghall-Immigrazzjoni;

4. U aktar talli nhar id-29 ta’ Marzu 2001, u matul dawn l-ahhar xhur, minghajr ma nghata permess ta’ residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-ufficjal principali tal-Immigrazzjoni;

Wara li rat l-atti ta’ dan il-process, li gew trasferiti lil din il-Qorti kif preseduta fil-15 ta’ Frar, 2007;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 268, 281, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 6 u 14 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat li l-imputat kien ilu ma jkun notifikat b’dawn il-proceduri sa mill-11 ta’ April, 2002;

Wara li rat li ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-14 ta’ Awwissu, 2002 kien baghat il-process bl-artikoli li taghhom kellu jwiegeb ghalihom l-imputat, dawn baqghu ma nqrawx, peress illi l-imputat ma deherx ghall-ebda seduta;

Wara li rat li ma kien inhareg ebda mandat ta’ arrest fil-konfront tal-imputat, aktarx peress illi l-istess imputat ma kienx gie ntraccat u ma kienx hemm riferta posittiva f’dan is-sens;

Wara li rat li l-piena massima li seta’ jehel l-imputat kieku nstab hati kienet ta’ sentejn (2) prigunerija;

Wara li rat l-Artikolu 688 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn il-perjodu ta’ preskrizzjoni prefiss mill-Ligi ghal dan ir-reat huwa ta’ hames (5) snin, liema perjodu baqa’ ma giex interrott minn April 2002, cioe’ l-ahhar darba li deher l-imputat f’din il-kawza;

Wara li rat li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 694 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tapplika l-preskrizzjoni ‘ex-ufficio’.

Tiddikkjara l-azzjoni preskritta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------